MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 240/2002/1

**Avviz numru 240/02 DM**

**JGS Furniture Ltd**
**Vs**
**Thomas Zahra**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' elf, hames mija, sebgha u erbghin lira Maltin (Lm1,547), somma rappresentanti bilanc li fadal fuq xoghol ta' kcina, bibien u ghamara mahduma mis-socjeta' attrici u kkonnsenjati lill-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv bil-konvenut ingunt ghas-subjizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Lulju, 2002, fejn Dr. Mark Busuttil ghall-konvenut ikkontesta t-talba attrici u

ddikjara illi pprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet formali u li, nonostante li gie awtorizzat jipprezenta kopja ta' l-istess, ebda nota ma giet inserita fil-process ;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Lulju, 2002, fejn innomimat bhala perit tekniku lil Peter Bonello stante illi l-konvenut iddikjara illi l-kontestazzjoni tieghu ghat-talba attrici hija wahda ta' natura teknika ;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' April, 2005, fejn il-Qorti ordnat l-isfilz tar-rapport tekniku peress illi l-konvenut naqas illi jhallas id-dritt tal-perit nonostante l-ordni tal-21 ta' Jannar, 2005 ;

Ghaldaqstant billi l-konvenut ghalhekk ma pproduca ebda prova in sostenn tal-kontestazzjoni tieghu dwar xi nuqqasijiet ta' natura teknika, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u ghandha tigi kkonfermata.

Il-Qorti ghaldaqstant qieghda tilqa' it-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' elf, hames mija, sebgha u erbghin lira Maltin (Lm1,547), bl-imghaxijiet legali b'effett mill-10 ta' April, 2002.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------